# Kunsill Lokali Gżira

18 ta' Frar 2021

**Ref Nru. 25/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 25/2021 li saret it-Tlieta 26 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoomi fil-5pm. Minħabba problemi tekniċi il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, ilKunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Jeremy Cardona, Hugh Caruana u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttivv Claire Goodlip u D/Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard

**Skuzati**

Il-Kunsillier Alex Zammit minħabba raguni ta saħħa.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 20 ta' Jannar 2021

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

25.1.1 L-apoloġija tal-Kunsillier Alex Zammit waslet għand l-amministrazzjoni ftit jiem wara s-seduta tat-Tlieta 26 ta' Jannar 2021. Din ġiet aċċettata millAgent Seġretarju Eżekuttiv.

**25.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 26 ta' Jannar 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċChairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

25.2.2 Paġna Nru.2 para 24.2.4 – Scaffolfing mingħajr permissi. – Il-Kunsillier N.Chetcuti reġa qajjem is-sitważżjoni ta' l-Scaffoldings bla permess li qedin jizdiedu minn gimgħa għal-oħra. Tqajjem dibattitu fuq jekk għandhomx jiġu immultati jew le. Fl-argument tiegħu s-Sindku qal li la darba qatt hadd ma kellimhom, ħa jigi interpretat bħal nuqqas mill-Kunsill. Id-dibattitu intemm billi l-kunsilliera għandhom jipprovdu l-informazzjoni u jibdew jittiehdu ilpassi mil-lum il-quddiem

25.2.2 Paġna Nru.2 para 24.2.5 – Laqgħa mal-Enemalta – Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv A.Attard staqsa fiex waslet il-laqgħa maċ-Chairman tal-Enemalta, fejn is-Sindku irrisponda li ghadu qiegħed jistenna risposta ta meta tista isseħħ din il-laqgħa. Is-Sindku ta struzzjonijiet lil Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip sabiex issegwi dan l'ziedu.

25.2.3 Paġna Nru.2 para 24.3.1 – Il-Binja tal-Kunsill Lokali Gżira – Il-Kunsillier J.Cardona rega qajjem id-diskussioni tal-binja tal-Kunsill Lokali fejn innota li il-kunsill għadu ma ħa l-ebda deċiżjoni. Is-Sindku irrimarka li ufficju ta Kunsill Lokali ma għandux ikun fil-qalba ta' lukanda. Hawn gie diskuss lgħazla bejn laqgħa ma' Paul Camilleri; Direttur u sid tal-kumplament talbinja u l-ghazla li il-Kunsill jirribatti l-ebda oġġezzjoni (No Objection), proposta mis-sid innifsu. Il-Kusilliera qablu li bħala Kunsill qedin f'pużizzjoni biex jinnegozzjaw mas-sid għal-ahjar offerta. Għaldaqstant gie deċiz li lewwel issir laqgħa mas-sid, cioe Paul Camilleri, fejn il-Kunsilliera ġew kollha mistienda jattendu u wara issir l-oġġezzjoni skond dak li jigi diskuss fil-laqgħa innifisha.

25.2.3 Paġna Nru.2 para 24.3.1 – Ittra lil Kappillan – Il-Kusillier J.Cardona saqsa jekk intbgħatx l-ittra lil Kappillan bhala ringrazzjament tas-servizz tieghu filkomunita. Din l-ittra għadha ma intbgħatx, għaldastant għandha tinkiteb u tintbgħat mil-iktar fis possibli.

25.2.4 Paġna Nru.3 para 24.5.1 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Chetcuti ta' aġġornament fuq il-laqgħa li saret mal-kuntrattur inkarigat għat-tindif tal-Public Convenience u il-Contracts Manager, Vanessa D'Agostino. Matul din il-laqgħa gie ikkonfermat li it-tindif qed isir skond il-ftehim stipulat filkuntratt. Madanakollu, wara siegħa il-Public Convenience qed jerġa jinstab fi stat degradanti. Il-Kunsillier semma wkoll li il-kuntratt ma jinkludiex servizzi ta attendent u li in-nuqqas ta' attendent jagħti lok ghal-abbuz. Rega issemha li tal-Bus Stop Kiosk kien dispost jipprovdi materjal gdid biex isir restawr imma is-Sindku issugerixxa li dan ir-restawr isir mil-Kunsill Lokali u li tal-Bus Stop Kiosk għandu jaqsam l-ispejjez tal-attendent, nofs bin-nofs flimkien mal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu unanimament, ghaldaqstant ser tigi organizzata laqgħa ma' tal-Bus Stop Kiosk fuq dan l-argument.

25.2.5 Paġna Nru.3 para 24.6.1 – Junction Box; Triq tas-Sliema (Daddy's) – IlKunsillier R.Mangion ikkorega il-minuti fejn semmha li l-Junction Box trid issir mil-ġdid ghax ma għadiex hemm.Il-Kunsilliera qablu li għandha terga issir. Din hija kompetenża ta' Infrustracture Malta, għalhekk din l-entita ha tigi infurmata bit-talba tal-kunsill sabiex teżegwixxi kif xieraq.

25.2.6 Unloading/Loading Space – Il-Kunsillier S. Farrugia innota li qed tinholoq konġestjoni fil-Triq Manoel De Vilhena (Żona Crai), minhabba it-trakkijiet tal-kunsinna. Il-Kunsill qabel li għanda terga issir l-Unloading/Loading kif kienet qabel, bil-ħin stipulat mis-sebgħa ta filgħodu sa s-siegħa ta wara nofs inhar (07.00 – 13.00). Il-Kunsill iddecida li jbiddel il-hinijiet tal-kumplament tal-Unloading/Loading spaces bl-stess ħinijiet.

25.2.7 Paġna Nru.3 para 24.6.3 – Il-Problema tal-Ħammiem – Il-Kunsillier J.Cardona staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament fuq il-kwistjoni talħammiem, fejn is-Sindku rega ikkonferma li għandhom imwehhlin filprocess mal-Ministeru tas -Saħħa.Is-Sindku se jkompli jieħu hsieb ta dan l'eziedu.

25.2.8 Paġna Nru.3 para 24.6.5 – Korsijiet tal-ECDL – Il-Kunsillier N. Chetcuti staqsa għal aġġornament rigward il-korsijiet tal-ECDL. I-s-Sindku informa lilKunsilliera li din l-informazzjoni ha jiprovdiha waqt il-laqgħa li jmiss.

25.2.9 Paġna Nru.3 para 24.6.4 – Korsijiet Provduti mil-Happy Parenting – IlKunsillier J.Cardona staqsa aġġornament fuq il-korsijiet tal-Happy parenting. Is-Sindku irrisponda li bdew isiru pero minħabba il-pandemija ilkonkorrenżża bagħtit. Intalab li tigi provduta informażżjoni dwar l-iskeda u l-attendenża .

25.2.10 Paġna Nru.3 para 24.6.6 – Laqgħa mal-Lesa – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa fuq aġġornament fuq l-infurzar tal-Lesa. Hawn is-Sindku spjeġa li linfurzar fuq il-kostruzzjoni kellu jizdied, madanakollu għandha issir laqgħa ohra malLesa biex jigu diskussi punti ohrajn.

25.2.11 Ibins – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar IIbins, fejn irrimarka li din il-kwistjoni qed tieħu wisq fit-tul u ilha tiġi diskussa minn ta' l-inqas ghal dan l-ahhar tliet laqgħat. Għaldaqstant għadhom jiġu ikkuntatjati il-GreenPak mil-iktar fis possibli u jinbedha il-proċess.

25.2.12 Paġna Nru.3 para 24.6.7 – Cameras Kunsill Lokali Gżira – F'laqġħa preċedenti il-kunsilliera kienu qablu li jerġaw isir il-camera fl-uffiċċju talkunsill. Għalhekk dawn il-cameras għandhom jiġu installati minnufih.

25.2.13 Laqgħa mal-Pulizija – Għandha issir laqgħa biex jiġi diskuss l-ahjar mod kif ilkunsill jista jaħdem mal-għassa fuq l-infurzar tal-permessi. Dan minħabba ħafna diffikultajiet li qed jaffaċċja il-kunsill kemm minnaha tal-kuntratturi, kif ukoll minn tar-residenti.

25.2.14 Sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv – Il-Kunsillier S. Farrugia semmha li waqt illaqgħa ta' preċedenti ġiet diskussa u li kien hemm qbiel biex toħroġ sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk staqsa jekk saritx is-sejħa. Is-Sindku spjeġa li dan l-ahhar saret riforma (Art. 49.1), fejn il-ministeru jista jaħtar Agent Seġretarju Eżekuttiv, u għaldaqstant giet appuntata Sij.a. Claire Goodlip. Is-Sindku kompla jispjeġa li s-sejħa xorta waħda għandha issir, ladarba s-Seġretarju il-ġdid jaddi mil-perijodu ta' prova u tkun inklużа filpool skond ir- rekwiżiti. Il-Kunsilliera qablu kollha.

25.2.15 Il-Kunsillier N. Cetchuti innota li fil-laqgħa li ghaddiet kien gie deċiz li jssir laqgħa mal-kapillan il-gdid. Madanakollu minħabba il-pandemija tali laqgħa trid tiġiipposponuta għalissa.

25.2.16 Paġna Nru.2 para 24.2.2 – Covid-19 Packs – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa aġġornament fuq il- 'Covid-19 Packs' Is-Sindku irrisponda li għalkemm ilpacks inxtraw minn fornitur differenti minn dak propost mir-Reġjun, dan ilpacks jinstabu il-kunsill u iridu jiġu imqassma. Il-Kunsilliera unanimament iddeċidu li jqasmu huma il-Covid Packs bl-għajnuna tal-ħaddiema. Gie deċiz ukoll li l-eta tal-persuni intitolati tinzel għal- sittin (60) sena.

25.2.17 Il-kunsillier H.Cremona ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 24 jiġu approvati. Il-kunsillier J.Cardona ssekondaħ.

18:50 – Il-Kunsillier J.Cardona gie skuza biex jitlaq mil-laqgħa.

## 25.3 Komunikazzjoni tas-Sindku

25.3.1 Proposta NoteBook Centre – Is-Sindku ikkomunika li l-kunsill irċieva proposta (Appendiċi 1) ta serviżż ta' manutenzzjoni għal-laptop lir-residenti. IsSindku ippropona mal-fornitur li tigi imdaħla l-iskola ukoll. Din il-proposta tammonta għal- € 4,990.00. Il-Kunsill accetta din il-proposta bil-kundizzjoni ta' prova għal-sena u li jiġi provdut informazzjoni analitika kull xahar.

25.3.2 Kawza tal-Petrol Station – Is-Sindku infurma lil kunsill li saret ritrattazjoni fuq lappeal irrifjutat mil-qorti.

25.3.3 Ċens Ġnien l-Ewropa – Is-Sindku ikkomunika li l-kunsill għandu obbligu li jhallas € 233 cens fuq il-Gnien l-Ewropa lil-Lands. Madanakollu l-invoice għal dan iċ-cens ma waslietx il-kunsill u meta intbagħat Charles bilpagament dan ma giex aċċetta mil-lands. B'hekk il-pagament ġie mitfuh ilqorti b'ċedola. IsSindku argumenta li f'kas li jittiehdu passi biex jitnaqqas biċċa mil-ġnien, ilkunsill ikollu dan il-pagament marbut il-qorti biex jirribatti legalment.

25.3.4 Stima ta' Impatt fuq Gnien l-Ewropa – Dan huwa studju magħmul minn zewġ esperti tal-qorti, fuq l'impatt ambjentali li sa tagħmel il-petrol station fuq ilgnien. Il-kunsill jaqbel unanimament fuq il-preservazzjoni tal-ġnien u għalkemm il-kunsill ha jkompli jagħmel l-ispejjez fuq dan il-kaz, ħa jibqa jinsisti u jiġġieled din l-inġustizzja kontra il-lokalita.

25.3.5 Tower Crane Belveder Str – Il-Kunsill irċieva talba biex jittella Tower Crane fit-Triq Belvedere. It-talba ġejja minn Paul Camilleri (Binja Kunsill Lokali). IlKunsill iddiskuta l-impatt li ha jkollu t-tower crane fuq ir-residenti u flimmanigjar tat-traffiku. Il-Kunsill iddecida li jiddiskuti din il-kwistjoni waqt illaqgħa ma Paul Camilleri rigward il-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecida wkoll

li jekk jingħata il-permess, jigi ikkundizzjonat b'permess massimu ta sitt (6) xhur

**25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

25.4.1 Il-Kunsillieri ma resqu l-ebda mistoqsija, għaldaqstant ma kien hemm lebda tweġieba.

**25.5 Rapporti**

25.5.1 Waqt din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapporti x'jigu diskussi.

**25.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

25.6.1 Ix-Xatt tal-Gżira – Il-Kunsill iħoss li x-Xatt tal-Gżira għandu jingħata limportanza mil-awtoritajiet, specjalment minn Infrastructure Malta, għal-fatt li jinħtiegu ħafna manutenzjonijiet. Kulhadd qabel li jixraq proġett u hawn is-Sindku sostna li l-Gżira bl-ammont ta' kostruzzjoni li qed issir, qed tiġġenera flejjes kbar.

25.6.2 Housing Estate Triq il-Gżira – Il-Vici Sindku R. Mangion semma' li il-bozza bissensor li kien għamel il-kunsill fil-passat għandha bżonn manutenzjoni jew li issir mil-ġdid. Il-Kuntrattur tal-maintanance għandu jara x'hemm bzonn isir u jieħu passi. Issemha ukoll li r-residenti ta' l-istess housing estate mhux qedin jimmaniġjaw l-iskart kif suppost. Il-Kunsill iddecida li tintbagħat ittra ta twissija.

25.6.3 Il-ħwienet Tax-Xatt – Il-Kunsillier H. Cremona qajjem l-ilmenti tar-residenti fuq canopies u hwejjeġ ohra li huma ta sgombru matul ix-xatt tal-Gżira (TalHaxix). Ingħad ukoll li mhuiex ħanut wieħed li qed joħloq dan linkonvenjent għar-residenti imma il-bosta. Għaldaqstant il-kunsill iddecida li jibgħat ilment lil-Lands, b'ritratti bħala evidenza.

20:12 – Il-Vici Sindku R. mangion gie skuza biex jitlaq mil-laqgħa.

25.6.4 L-ASE semghet li ingabru numru ta’ kwotazzjonijiet għal-zebgha meħtieġa fuq il-manutenzjoni ta’ l-iskola. Hija talbet li dawn il-fondi jittieħdu milallokazzjoni tal-Lesa. Il-Kunsill unanimament laqa’ din it-talba

**25.7 Update Proġetti ta’ l-Ewropa**

25.7.1 Minħabba li il-ħin kien ristrett, dan l-update minn Fabian Borg ġie pospost għallaqgħa li jmiss (Nru. 26).

**25.8 Bye Law: Kostruzzjoni**

25.8.1 Is-Sindku semmha li il-bye law fuq il-kostruzzjoni trid tigi reveduta. Id-DSE semmha li dawn il-bye laws jista ma jiġux aċċettati għal-fatt li diġa hemm liġijiet fis-seħħ fuq dan l-argument.

**25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

25.9.1 Il-Kunsillier S. Farrugia qajjem punt fuq il-pagament ta’ Victor Tedesco. Is-Sindku ikkonferma billi qal li Victor Tedesco kellu jitneħħa mil-lista. Id-diskussjoni kompliet billi issemmha li dan il-kuntrattur ma għamilx ix-xogħol tal-valur imniżżel, għaldaqstant dan il-pagament m’hux ħa jigi effetwat qabel jigi revedut.

25.9.1 Il-kunsillier S. Farrugia ppropona li l-kumplament tal-paġamenti jiġu approvati. Ilkunsillier I. Buhajar ssekondaħ.

**25.10 Mozzjonijiet**

25.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.11.1 Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.35pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar Il-Tlieta 23 ta’ Frar fil-5pm.

Konfermati, illum 23 ta’ Frar 2021.

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv